MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 537/2005

**Rimus Trading Agency Ltd. (C20020)**

**Vs**

**Jesmond u Rita konjugi Sant ID rispettivi 17766M u 151865M**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tas-socjeta'attrici li talbet lit-Tribunal jordna lill-konvenuti ihallsuhom is-somma ta'elf mija seba' u disghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1,197,58), somma rapprezentanti l-bilanc ta'prezz ta'merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom.

Illi ukoll, l-konvenuti ttentaw ihallsu hlasijiet akkont lis-socjeta'attrici permezz ta'tlett cheques li ma gewx onorati.

Ra r-risposta tal-konvenut Jesmond Sant fejn eccepixxa li presentement hu u l-konvenuta Rita Sant ghaddejjin minn

proceduri ta’ separazzjoni personali, liema proceduri jinstabu pendenti quddiem il-Qorti Civili(Sezzjoni tal-Familja).

Il-konvenut ighid ukoll li jekk l-ammont mitlub jigi ppruvat bhala dovut, dan hu dejn tal-kommunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ghandu jinqasam nofs b’nofs.

Illi,ukoll, l-ammont mitlub ghandu jigi ridott  biex jirrifletti parti mill-merkanzija li giet jew ghadha trid tigi ritornata lis-socjeta’ attrici.

Ra r-risposta tal-konvenuta Rita Sant li tikkontesta r-rapport guridiku taghha mas-socjeta’ attrici u ghalhekk titlob li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi subordinatament u f’kaz ta’ ezitu negattiv tal-ewwel eccezzjoni, il-konvenuta tirrizerva d-dritt li  tikkontrolla l-ezistenza u l-quantum tal-pretensjonijiet attrici mill-provi eventwalment akkolti minn din il-kawza.

Ra x-xhieda ta’ Malcolm Jones, li huwa l-financial controller ta’ Rimus Group of Companies, li tinkludi Rimus Trading Agency Ltd, is-socjeta’ attrici. Ix-xhud jispjega kif ghal snin shah is-socjeta’ attrici kienet tbiegh u tikkonsenja merkanzija lill-konvenuti li flimkien kienu jiggestixxu is-Save’n Smile Store. Fi Frar, 2005, il-konvenuti ghalqu n-negozju taghhom u kien ghad baqghalhom xi kontijiet pendenti mas-socjeta’ attrici.

Ix-xhud esebixxa Dokument A li jispjega li l-ammonti dovuti mill-konvenuti jammontaw ghal elf mija u sebgha u disghin lira Maltin, tmienja u hamsin centezmu (Lm1197.58c).

Ghalkemm kien hemm xi merkanzija li l-konvenuti rritornaw lura lis-socjeta’ attrici, l-ammont reklamat fil-prospett ghandu diga’ mnaqqas dawn l-ammonti u ghalhekk l-ammont dovut jirrapprezenta il-merkanzija li baqghet fil-pussess tal-konvenuti.

Kien hemm okkazzjoni fejn il-konvenut kien talab li jirritorna lura xi xoghol li kien skada u ghalkemm is-salesman kien ra x-xoghol, din il-merkanzija qatt ma giet rritornata lura.

Ukoll, ix-xhud jikkonferma illi l-konvenuti kienu ammettew il-maggorparti tad-dejn u dan meta huma ghamlu pagamenti fl-ammont ta’ elf mija wiehed u erbghin lira Maltin tmienja u hamsin centezmu (Lm1141.58c) permezz ta’ cekkijiet li ma gewx onorati.

Ra x-xhieda ta’ Jesmond Sant li jikkonferma li kien jiggestixxi n-negozju ta’ Save ‘N Smile Discount store. Il-konvenut jispjega kif presentement hemm proceduri ta’ separazzjoni pendenti bejnu u bejn il-mara, l-konvenuta Rita Sant. Hu jghid li x-xoghol kien isir bejn tnejn u l-mara kienet tircievi paga ta’ Lm100 kull gimgha.

Ra x-xhieda ta’ Rita Sant, li tghid li r-ragel ma kienx jinvolviha fil-gestjoni tas-supermarket. Tispjega li kienet tehodlu hsieb il-flud sa’ Dicembru, 2004 u li l-kontijiet kienu fuqu u fuqha. Hi tikkonferma li hi ma kienitx infurmat lis-suppliers li kienet telqet mill-hanut u kienu ghadhom ghaddejjin bil-proceduri sa’ llum.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Is-socjeta’ attrici gabet provi li jindikaw li kien hemm ammissjoni mill-konvenuti ghal maggorparti tal-ammont dovut u dan meta hargu cekkijiet fl-ammont ta’ elf mija wiehed u erbghin lira Maltin, tmienja u hamsin centezmu (Lm1141.58c). Il-problema tibqa’ pero’ li dawn ic-cekkijiet ma gewx onorati u ghalhekk l-ammont reklamat hu ghal kollox ghadu dovut.

Gie kkonfermat ukoll li ghalkemm il-konvenuti kienu rritornaw xi oggetti, il-bilanc mitlub ma jinkludix dawn l-oggetti.

Il-punt in kontestazzjoni ghalhekk jibqa’ min mill-konvenuti ghandu jibqa’ responsabbli ghal dan id-dejn. Minn naha l-wahda hemm l-konvenut Jesmond Sant, li qed isostni li d-dejn huwa tat-tnejn, filwaqt li l-konvenuta Rita Sant isostni li hi m’ghandhiex x’ taqsam ma’ dan id-dejn, partikolarment minhabba s-separazzjoni pendenti bejniethom.  Il-ligi civili tirrigwarda l-amministrazzjoni tal-akkwisti, specjalment ghal dak li jirrigwarda l-atti straordinarji illi jinvolvu kreditur li jkun irid imexxi sabiex jigi rifuz l-ammont li hu dovut bhala prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Hija haga ovvja li r-ragel ser jippretendi li l-mara tidhol responsabbli ghal nofs id-dejn , anke jekk hafna drabi ma kienitx taf  x’kien qed jigri ghaliex kollox kien jigi gestiti minnu.

Madanakollu, i-ligi hi li hi u ghandha tigi applikata fil-limiti taghha. Il-ligi, ghalhekk f’dan ir-rigward hija cara u l-mara dejjem ghandha tigi inkluza fil-proceduri gudizzjarji specjalment dawk civili ghall-otteniment ta’ sentenza ta’ kanonizzazzjoni ta’ kreditu .

Illi l-quantum tad-danni mhux qed jigi kkontestat.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu in solidum bejniethom lis-socjeta’ attrici, s-somma ta’ ta’elf mija seba’u disghin lira hamsa u tmenin centezmu Maltin (Lm1,197,58c), spejjes u interessi kif mitluba, salv kull azzjoni spettanti lill-konvenuta kontra l-istess konvenut zewgha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------